# BASKETBALL

## Nofs Triq Ghall-Play Offs

Kollox jidher li t-tim Mellieħi ser ikollu jissielet ftit mhux hazin sabiex jakkwista post fil-Play-offs. Bhal kull sena f'dawn l-ahhar erba' snin, l-Ewwel Divizjoni kienet ferm bilancjata, bit-timijiet kollha bic-cans li jghaddu ghall-Play-offs.

It-tim Mellieħi, ghalkemm kellu bidu ta' kampjonat tajjeb, bhalissa ghaddej minn fazi mhux daqstant pjacevoli. It-tim ghandu bzonn jirrevedi u jtejjeb il-mentalita' u anke jitjieb xi ftit fizikament. Zgur li b'dan ir-ritmu ser tkun iebsa!



Il-ftuh tat-tieni round ra lit-tim Mellieħi jigi meghlub ghat-tieni darba kon-sekuttivi – kontra Mosta u kontra s-SN Suns. It-tim Mosti zgur li kien l-iktar tim li ghamel akkwist prestigjuz, dak ta' Sasha, player mill-ex-Yugoslavia, nazzjonalizzat Malti. Bla dubju, dan il-player, flimkien mal-veteran Ray Muscat, jaghtu spinta tajba lil dan it-tim. Fil-konfront mat-tim Mellieħi zgur li l-kontribut ta' dawn kien fondamentali fejn tlifna 74-56.

Fil-loghba l-ohra kontra S.N. Suns, fejn anke dawn kienu msahha b'xi play-ers godda matul ix-xahar tat-trasferimenti, ma konniex tant motivati u tul il-loghba konna dejjem nigru wara r-rizultat fejn it-tim ta' S.N. Suns hargu rebbieha b'iskor ta' 65 – 56.

**Hilary Fenech**

---

# Netball

F'Jannar beda l-istagun tan-Netball u l-Mellieha qedin niehdu sehem b'zewg timijiet, wiehed fil-kategorija tal-kbar u l-iehor fl-Under 21.

Fil-League tal-kbar, it-timijiet kollha qeghdin jilghbu kontra xulxin f'rawnd preliminary, u wara jinqasmu f'zewg divizjonijiet skond il-punti li jgibu. Is-sistema kif inhi laqqghet flimkien lit-timijiet b'sahhithom m'ohrajn ferm anqas kwotati, izda wara iz-zewg divizjonijiet ghandhom ikunu bilancjati.



It-tim taghna huwa mibni fuq players t'esperjenza, m'ohrajn li ghadhom fl-Under 21 u nistennew li ghalkemm nispiccaw fit-tieni divizjoni, naqtghu figura tajba . Fil-fatt hekk qieghed jigri ghaliex ghalkemm tlifna l-ewwel tliet loghbiet li laghbna, il-players hargu sodisfatti bil-wirjiet li taw, specjalment fl-ahhar loghba li tlifna 11-27 kontra Kerygma 'A'. Qabel konna tlifna darbtejn kontra All Ages Eurochange u ASC Ta' Xbiex Wolver-ines. F'dawn iz-zewg loghbiet Best player tat-tim Mellieħi intghazlet Tania Bugeja, fil-waqt li kontra Kerygma 'A', intghazlet Simona Buttigieg.

Fl-Under 21 tlifna 12-42 kontra All Ages [*Best player Marouska Cutajar*], u gejna draw kontra NRG BBQ World 13-13[*Best player Kim Trapani*].

Nixtiequ infakkru li kull nhar ta' Gimgha fis-18:00, fl-iskola primarja tal-Mellieha jil-taqghu it-tfal tan-**Nursery tan-Netball**. Dawk il-genituri li jixtiequ li t-tfal taghhom jibdew jipprattikaw dan l-Isport, jistghu jmorru jirregistraw it-tfal hemmhekk.

**Marica Simiana**